WS5 10225    14.21

## Jum il-Familja

## Konkatidral ta' San Ġwann, Valletta

2 ta' Mejju 2015

Ħuti, intom tafu li fil-15 ta' Mejju huwa Jum il-Familja. F'dak il-jum kull persuna li hija miżżewġa, b'mod speċjali li għandha familja, suppost li tagħmel riflessjoni fuq il-mod kif miexja l-familja tagħha.

Aħna llum iltqajna, membri tal-Grufan, biex nagħmlu daqsxejn ta' riflessjoni fuq il-familja u ż-żwieġ  U jiena nixtieq ngħid li llum ir-riflessjoni tiegħi mhux se nagħmilha għalina biss, se nagħmilha għall-Insara biex huma jitolbu lejn kulħadd, lejn dawk kollha fi-dinja, jemmnu jew ma jemmnux, imma li ż-żwieġ tagħhom qiegħed ibati. Jekk żwieġ u familja tbati, hi x'inhi, is-soċjeta tbati, u aħna allura llum nitolbu għall-aħwa kollha miżżewġin biex huma jsibu verament il-paċi f'qalbhom.

Imma llum xtaqt naqsam magħkom riflessjoni għaliex iż-żwieġ u l-familja għalina l-Insara huma verament okkażjoni ta' tiflessjoni Kristjana. L-ebda Nisrani ma jista' jħares lejn żwieġ li mhux nisrani u jikkomparah, jipparagunah ma' żwieġ nisrani. Huma żewġ affarijiet li fil-lat uman tagħhom jaqblu imma fil-lat spiritwali ma jaqblux għaliex fil-qofol taż-żwieġ nisrani hemm Sidna Ġesu Kristu. Dak iż-żwieġ huwa sagrament. U allura ejjew nirriflettu ftit x'inhu sagrament l-ewwel, u t-tieni għaliex iż-żwieġ huwa sagrament.

L-ewwelnett sagrament tafu x'inhu? Huma mumenti tal-ħajja tagħna meta Alla l-Imbierek lilna jagħtina s-saħħa biex ngħixu dak il-mument. Per eżempju għandna l-Griżma tal-Morda biex aħna ngħixu dak il-mument ma' Kristu. Per eżempju għandna s-sagrament tal-qrar biex ngħixuh meta aħna nħossuna mtaqqlin bid-dnub tagħna. U allura d-dnub tagħna ngħixuh mal-ħniena ta' Sidna Ġesu Kristu. Dawk huma s-seba' sagramenti.

Meta qed nitkellmu fuq hekk, aħna qed nitkellmu wkoll fuq iż-żwieġ. Iż-żwieġ u li mbagħad isir familja, huwa sagrament li Alla l-Imbierek tana biex Hu jkun magħna f'dak il-mument qawwi enormi ta' meta tnejn jingħataw lil xulxin. Ilkoll tafuha, imma huwa l-uniku sagrament li fih l-miżżewġin m'għandhomx ministru, huma ministri ta' xulxin. Qed jagħtu l-grazzja lil xulxin tas-sagrament taż-żwieġ. Kemm hi ħaġa kbira mhux hekk? Li intom tajtu lil xulxin is-sagrament taż-żwieġ. U f'dak il-mument li intom tajtu lil xulxin is-sagrament taż-żwieġ hemmhekk intom ħadtu lil xulxin minn idejn Alla l-Imbierek. Hemmhekk intom għidtu lill-Mulej: jien se nieħu lil dan jew lil din biex jien inkun nista' nagħmel il-pjan tiegħek għaż-żwieġ u l-familja.

Biex sagrament taż-żwieġ ikun verament sagrament hemm tlett affarijiet li huma neċessarji. Ħa nipprova ngħidhom. L-ewwel ħaġa hija li Alla l-Imbierek mhux biss tana ż-żwieġ u l-familja imma fil-Ġenesi tana mudell ta' x'suppost tkun familja u żwieġ. Dan qiegħed fil-Ġenesi. U hemmhekk għamlilna diversi punti li jekk aħna nonqsu minnhom inkunu qed

nonqsu wkoll. Ftakru li ż-żwieġ nisrani jitlob bażi nisranija li fid-dawl tagħha wieħed jgħix iż-żwieġ tiegħu, mhux xi ħaġa differenti.

U fil-Ġenesi Alla l-Imbierek jgħidilna ħafna affarijiet sbieħ. Per eżempju jgħidilna li kull wieħed u waħda minna, aħna ġejna magħmulin xbieha ta' Alla. Minn hemm ħdejk jekk inti nisrani, ma tistax ma tgħaddix mument u tgħidlu: Mulej, dan huwa żewġi, din hija marti, grazzi talli inti tajt lilek innifsek lili u lil marti jew lil żewġi. Imbagħad ftit wara, jgħid: "għamilthom raġel u mara, li huma bl-istess dinjita" (ara Ġen 1,27). Araw ħuti, aħfruli ngħid xi ħaġa negattiva, meta ngħidu xi kelma li tweġġa' lil xulxin, hemmhekk qed nonqos għaliex jiena hemmhekk quddiemi għandi x-xbieha ta' Alla u jiena din ix-xbieha t'Alla qed nonqosha bi kliemi. Kieku naħsbu iktar li aħna verament qegħdin għall-kelma tal-Mulej, kieku forsi ma nagħmlux daqshekk nuqqasijiet li nweġġgħu lil xulxin.

Imbagħad it-tielet ħaġa li jgħidilna fil-Ġenesi - tiftakru l-istorja ta' Eva mhux importanti l-istorja daqskemm it-tagħlima - imma kien Alla li ta 'l Eva lil Adam, kien Alla. Mela t-tielet ħaġa: intom don ta' Alla lil xulxin. U ngħiduha wkoll, aħna ma nibżgħux: allura int ukoll trid tagħmel dak li huwa sforz ġewwa fik ħalli verament dak id-don li hemm ħdejk tapprezzah. Araw x'dinjita għandu ż-żwieġ! Kultant nisimgħu kliem fuq il-*mass media* kif jitkellmu fuq iż-żwieġ. Għalina mhux dak il-veru żwieġ, għalina dan huwa l-veru żwieġ. Mhux se nilħqu l-perfezzjoni, ħadd minna, la jien la intkom, imma li jiena dan nieħdu bħala *challenge* fil-ħajja tiegħi: dak l-ebda nisrani ma jista' joqgħod bogħod minnu.

Imbagħad igħidilna wkoll li jsiru ġisem wieħed (Ġen 2,24), għalfejn? Biex imbagħad jistgħu jitwieldu t-trabi. U tafu li l-kwalita tal-imħabba taż-żwieġ hija importanti għax dik hi l-imħabba li se tagħti lill-uliedek. Jekk m'hemmx imħabba, uliedek se jibqgħu mingħajr imħabba, jekk jiena meta nikkoreġihom insawwat, allura hemmhekk it-tfal tiegħi jaħsbu li ż-żwieġ huwa xi ħaġa li għandu fih is-swat. Kif se tħobbu intom t-tnejn, se tagħti lill-uliedkom. Huma jitgħallmu minn għandkom x'jiġifieri iħobbu lil xulxin, x'jiġifieri l-imħabba. Mela dak huwa l-ewwel punt. Għandna mudell ma' nistgħux inħalluh warajna.

It-tieni ħaġa li mingħajrha żwieġ ma jkunx verament Nisrani hija l-kwalita tal-imħabba li aħna ngħixu fiż-żwieġ. Kemm hemm nies anke Nsara m'għamlux riflessjoni Kristjana fuq kif se jħobbu fiż-żwieġ, imbagħad jiġi ż-żwieġ u ma ssibx differenxa bejnhom u bejn xi ħadd li ma jemminx. Tiftakru llum kellna t-tieni lezzjoni (1Ġw 3,18-24) kienet sabiha ħafna: "tħobbux bil-kliem u t-tpaċpiċ" għax dawk faċli qegħdin barra minek, "imma ħobbu fil-verita u tassew". X'qed jgħidilna? Għaliex l-imħabba ma tibdhiex mill-persuna l-oħra, l-imħabba trid tibda minn qalbi, hemm tibda l-imħabba! Ħalli nibda nobrox daqsxejn dak li f'qalbi mhuwiex imħabba: suppervja, rabja, dak kollox li se jfixkluni. Ftakru li anke intom, ħuti, bħall-Insara kollha għandkom id-dmir li intom tippruvaw l-imħabba tagħkom tirfinawha ħalli l-imħabba tagħkom tkun verament xi ħaġa li tkabbar.

Ħa ngħidilkom xi ħaġa daqsxejn negattiva ukoll. Dan l-aħħar il-Knisja għamlet riflessjoni u qalet: dan kif aħna fost il-qaddisin għandna miżżewġin, imma dawk il-miżżewġin li għandna saru qaddisin mhux permezz taż-żwieġ, saru qaddisin għax batew fiż-żwieġ. Santa Rita per ezempju u ħafna qaddisin oħra, għax batew saru qadisin. Il-Knisja qed tgħid il-pjan t'Alla ma

kienx hekk, għax nifirħu b'xulxin aħna nsiru qaddisin. U din hija l-isfida kbira li għandkom tgħixu ta' kuljum. Ftakru x'qal fit-tieni lezzjoni San Ġwann: il-kuxjenza tagħkom trid tagħtikom mistrieħ jekk inti tkun taf li qed tgħix tajjeb. Ħa nagħmluha bħala mistoqsija imbagħad irrisponduha ġewwa qalbkom. Ġieli toqgħodu fil-kwiet weħidkom, ir-raġel għalih u l-mara għaliha, u tagħmlu riflessjoni: jekk l-imħabba tiegħi tixbahx lil dik ta' Kristu? Jew inkun qed nisma' l-Vanġelu, ġieli qagħadt fil-kwiet: dik m'għamilthiex jiena ma żewġi, ma marti. Jien irrid ngħix bħalma għex Ġesu l-imħabba In-nisrani ma jistax jagħżel liema kwalita ta' mħabba jrid jgħix fiż-żwieġ, ma jistax. Irid jgħix l-imħabba ta' Kristu għax l-imħabba ta' Kristu tagħtik il-qawwa biex inti terġa' tqum mil-iżball tiegħek u terġa' tagħżel l-imħabba.

L-aħħar riflessjoni li xtaqt li nagħmlu llum hija dik li qalilna Sidna Ġesu Kristu fil-Vanġelu tal-lum (Ġw 15,1-8). Hu d-dielja u intom il-friegħi. U Sidna Ġesu Kristu jgħidilna: jekk intom ma bqajtux parti mid-dielja, intom issiru bla ħajja u jkollkom tmutu. Taf x'indunajt illum meta kont qed naqra' l-Vanġelu? Indunajt li Sidna Ġesu Kristu qatt ma jgħidilna: għax jiena niġi għandkom, imma: meta intom tiġu għandi! Ġesu s-sagrament diġa tahulkom, għandkom qiegħed. Issa importanti li intom tħalluh ħaj dan is-sagrament taż-żwieġ u tħalluh ħaj għax tħallu l-ispazju għal Sidna Ġesu Kristu. Kemm hu żbaljat min jaħseb li għaliex jitlob fejn naf jien, *ave Maria* qabel ma jmur jorqod, m'hemm xejn ħażin anzi hija xi ħaġa qaddisa. Imma mhux dik biss, il-ħajja tiegħi kollha irrid nagħmilha kif qalilna San Ġwann taħt, biex ngħid hekk, il-lenti ta' dik li hija l-imħabba flimkien ma' Sidna Ġesu Kristu.

Fortunatament, ħuti Sidna Ġesu Kristu ħasbilna anke għal mod kif aħna nersqu lejh, tafu kif? Tana l-Quddiesa, hemm niltaqa' mal-Ewkaristija biex qalbi allura timtela bl-Ewkaristija u niltaqa' mal-kelma t'Alla. Min imur quddies regolarment għandu l-kelma t'Alla kollha qed jaqraha biċċa biċċa, jekk joqgħod attent, jekk kif jispiċċa l-Vanġelu, jgħid: ħa nerġa' niftakar x'kien il-Vanġelu. Għax ġieli jiġrilna li noħorġu barra u mbagħad tistaqsi lilek innifsek x'kien il-Vanġelu, taf li nsejt, taf li nsejt! Kull darba li mmoru l-quddiesa, irridu mmoru nisimgħu l-kelma mill-Għalliem tagħna li huwa Sidna Ġesu Kristu. Żommuha f'qalbkom, ħuti: kull darba li inti tmur il-quddiesa tris toħrog taf xi ħaġa ġdida li tak Sidna Ġesu Kristu.

Mela dawn huma t-tlett affarijiet li jagħmlu ż-żwieġ nisrani. Jalla, ħuti, il-Mulej jibgħat kotra ta' frott fuq il-Knisja kollha b'mod speċjali fuq dawk il-koppji li qegħdin verament jingħataw lill-Mulej fiż-żwieġ u l-familja. Jalla kull wieħed u waħda minnkom jgħix iż-żwieġ b'ħafna imħabba u ħafna rispett.